# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 09/2023

6 ta' Lulju 2023

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Marco Agius | – Sindku |
| Noyah Spiteri Hammett | – Vici-Sindku |
| Martin Vella | – Kunsillier |
| Johann Scerri | – Kunsillier |
| James Cauchi | - Kunsillier |
| Rita Gatt | - Kunsilliera |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Melanie Agius - Kunsilliera

**ASSENTI:**

Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Marco Agius ,Sindku,  ippresjeda il-laqgħa

## 09.1 Qari ta’ ittri ta’ apoloġija

09.1.1 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi s-Sa. Melanie Agius kienet baghatet korrispondenza li permezz taghha kienet talbet lill-Kunsill Lokali jiggustifika n-nuqqas taghha ghal ragunijiet ta’ xoghol. Kien hemm qbil bejn il-membri prezenti illi l-assenza tal-Kunsilliera Agius kellha tigi meqjusa bhala gustifikata.

## 09.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta’ minuti

09.2.1 Il-minuti ta’ seduta numru 8/2023 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant gew meqjusa bħala moqrija.

09.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Johann Scerri issekondata mis-Sa. Rita Gatt  il-minuti ġew approvati b’votazzjoni unanima.

09.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

**09.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

09.3.1 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill prezenti illi fil-bidu ta’ Gunju 2023, kienet inzammet laqgha li ghaliha kien prezenti dwar is-sitwazzjoni tad-dar tal-anzjani ta’ Bormla.

09.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi nhar id-9 ta’ Gunju 2023 kien attenda ghal-laqgha Generali Annwali tar-Regjun Port.

09.3.3 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill illi nhar it-22 ta’ Gunju 2023, kienet inzammet laqgha ma’ Infrastructure Malta li matulha kienu gew diskussi toroq godda li fihom kien ser ikun qieghed isir xoghhol ta’ bini mill-gdid.

09.3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar is-26 ta’ Gunju 2023 kienet inzammet laqgha mac-Chief Executive Officer ta’ Transport Malta.

09.3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali  illi nhar it-30 ta’ Gunju kienet giet organizzata attivita’ celebratorja fl-okkazjoni ta’ gheluq it-30 sena mit-twaqqif tal-Gvern Lokali f’Malta.

09.3.6 Is-Sindku infurma lill-Kunsill Lokali illi kienu qieghdin isiru l-arrangamenti mehtiega bil-ghan illi defibrillator li kien inxtara jigi installat biswit l-ghassa tal-pulizija tal-lokalita’.

**9.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

9.4.1 Il-Kunsilliera Noyah Spiteri Hammett staqsiet : 'Jista' l-Kunsill Lokali jintervjeni sabiex tigi rizolta problema ta' skart li kien hemm fi Triq il-Madonna tal-Grazzja u tintbaghat ittra lir-residenti tal-madwar?'
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : 'Ser inkunu qieghdin naraw illi l-istess skart jingabar fl-iqsar zmien '.

9.4.2 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa: 'Jista' l-Kunsill jintervjeni sabiex titnehha karozza minghajr pjanci ta' registrazzjoni li hemm fi Triq il-Mithna?'
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : 'Ser inkunu qieghdin ninfurmaw lill-awtoritajiet bil-ghan illi tittiehed azzjoni. Min-naha tal-Kunsill Lokali imbaghad ser naraw illi l-vettura titnehha'.

9.4.3 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa: 'Jista' l-Kunsill Lokali jigi aggornat dwar il-problema ta' hamiem selvagg li jidher li zdiedet?'
Segwiet diskussjoni libera dwar il-materja li matulha gew diskussi diversi aspetti tal-problema, inkluz by-law li permezz taghha t-tmigh ta' hamiem selvagg ikun illegali u ikel sterilizzanti.

9.4.4 Il-Kunsillier James Cauchi aggorna lill-Kunsill Lokali b'arrangamenti li kienu saru u mizuri li ttiehdu b'konnessjoni

**9.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet**

9.5.1 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru06/23) ghall-approvazzjoni.

9.5.2 Fuq proposta tas-Sa.Noyah Spiteri Hammet ssekondata mis-Sur Johann Scerri, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

9.5.3 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xahar ta' Mejju 2023.

9.5.4 Fuq proposta tas-Sa. Noyah Spiteri Hammett ssekondata mis-Sur Johann Scerri, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

**9.6 Mozzjonijiet**

9.6.1 Ma kien hemm ebda mozzjonijiet x'jigu imressqa.

**9.7 Grawnds Peppi Delceppo**

9.7.1 Bi qbil bejn il-Kunsilliera prezenti, din il-materja kellha tigi diskussa fis-seduta segwenti.

**9.8 Rapporti**

9.8.1 Is-Sindku ressaq rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellha titnehha traffic calmer li kien hemm fi Triq l-Oratorju u li dwarha kien hemm ilmenti mir-residenti minhabba inkonvenjent ta' storbju.

  (F'dan l-istadju hareg mis-seduta il-Kunsillier James Cauchi – 19:40)

- Kien hemm qbil illi kellhom jinxtraw pots minghand l-orhos fost tliet stimi migbura bil ghan illi jitpoggew fi Triq id-Dejqa
- Wara diksussjoni libera, b'rabta ma' korrispondenza li kien baghat il-Kunsillier Johann Scerri, is-Sindku kellu jivverifika mar-Regjun Port il-possibilita' illi l-istess Regjun jassisti lill-Kunsill Lokali fl-ispiza relatata mad-dawl tal-Milied fil-lokalita'.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi Memorandum of Understanding b'konnessjoni ma' e-skills li kien qabel dwaru l-Kunsill Lokali fix-xhur pprecedenti kien ser ikun qieghed jigi ffirmat f'Settembru 2023.
- Wara li l-Kunsill Lokali gie pprezentat bi stimi u pjanti b'konnessjoni ma' spazju miftuh fuq librerija pubblika fi Triq l-Oratorju, kien hemm qbil unanimu illi minkejjja li l-Kunsill Lokali kellu jintervjeni, ma kellux jidhol ghall-progett hekk kif propost.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi St.George's F.C. kienu talbu illi ssir laqgha mal-Kunsill Lokali qabel tittiehed decizjoni rigward il-progett Grawnds Peppi Delceppo.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi post fil-lokalita' kellu jinxteghel bil-kulur blu b'konnessjoni mal-Blue Heart Campaign.
- Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha tinzamm laqgha mal-izviluppaturi ta' Rialto b'konnessjoni ma' progett ta' rigenerazzjoni li kien qieghed jigi propost ghall-istess sit.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jitlob aktar dettalji b'konnessjoni ma' proposta li kienet waslet minghand Grand Harbour Holdings Ltd., liema proposta kienet tikkoncerna numru ta' litter bins godda fil-lokalita'.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jigi installat bollard biswit Blk4A San Gwann T'Ghuxa fuq proposta ta' residenti sabiex jigi limitat parkegg abuziv li kien hemm.

9.9.3 Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill rapport min interviewing board ghall-mili ta' post ta' librar. Is-Sur Agius qal illi r-rakkomandazzjoni tal-evalwaturi kienet illi l-post jinghata lill-uniku kandidat eligibbli illi mill-marki li inghata kien jidher li kien idoneju

ghax-xoghol. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-interviewing board.

9.9.2 Is-Sindku pprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali petizzjoni li l-istess Kunsill Lokali kien ircieva dwar decizjoni li kienet ittiehdet f'Settembru 2022 li jitnehha parkegg minn parti minn Triq Matty Grima. Wara li s-Sindku qara l-petizzjoni fuq proposta tal-Vici-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Johann Scerri, u b'votazzjoni ta' erba voti favur u astensjoni wahda, il-Kunsill Lokali qabel illi s-seduta kellha tigi sospiza bil-ghan illi l-materja tigi diskussa fil-privat. (20:30)

Is-Seduta tkompliet fid-21:30 bil-Kunsill Lokali jiddeciedi illi dwar il-materja kellhom jittiehdu pariri legali.

**9.9 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

9.9.1 Is-seduta giet fi tmiemha fl-21:50p.m. minghajr ma giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghas-17 ta' Lulju 2023 fis-5:30 p.m.

Konfermati, illum 17 ta' Awwissu, 2023

IFFIRMATA
___________________
**Marco Agius**
Sindku

IFFIRMATA
_______________________
**Duncan Hall**
Segretarju Eżekuttiv